DIRETTIVA TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI 2014/72/UE

tat-13 ta' Marzu 2014

li temenda, għall-finijiet ta' adattament għall-progress tekniku, l-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għaċ-ċomb fl-issaldjar u fix-xogħlijiet tal-aħħar ta' komponenti elettriċi u elettroniċi u fix-xogħlijiet tal-aħħar tal-unitajiet ta' ċirkwit stampati użati fil-moduli ta' ignixin u f'sistemi oħrajn ta' kontroll, kemm elettriċi kif ukoll elettroniċi, tal-magna

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikoluży fit-tagħmir elettriku u elettroniku, ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1)(a) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2011/65/UE tipprojbixxi l-użu taċ-ċomb fit-tagħmir elettriku u elettroniku mqiegħed fis-suq.

(2) Il-moduli ta' ignixin u sistemi oħrajn ta' kontroll, kemm elettriċi kif ukoll elettroniċi, tal-magna tal-kombustjoni li għandhom jiġu mmuntati qrib il-partijiet li jiċċaqilqu ta' għodod li jinżammu fl-idejn u li huma indispensabbli għat-tħaddim tal-magna, huma esposti għal vibrazzjonijiet għoljin u stress termali intens. Dawn il-kundizzjonijiet ambjentali ħarxa jeħtieġu l-użu taċ-ċomb. La s-sostituzzjoni u lanqas l-eliminazzjoni taċ-ċomb f'dawn il-komponenti mhija prattika mil-lat tekniku.

(3) Il-manifatturi jeħtieġu żmien addizzjonali biex jagħmlu alternattivi mingħajr ċomb li jkunu prattiċi mil-lat tekniku u li jkunu affidabbli. Għaldaqstant, l-użu taċ-ċomb fl-issaldjar u fix-xogħlijiet tal-aħħar ta' komponenti elettriċi u elettroniċi u fix-xogħlijiet tal-aħħar tal-unitajiet ta' ċirkwit stampati użati fil-moduli ta' ignixin u f'sistemi oħrajn ta' kontroll, kemm elettriċi kif ukoll elettroniċi, tal-magna għandu jiġi eżentat mill-projbizzjoni sal-31 ta' Diċembru 2018. Dan huwa perjodu ta' tranżizzjoni relattivament qasir li probabbli ma jkollu l-ebda impatt negattiv fuq l-innovazzjoni.

(4) Għaldaqstant, id-Direttiva 2011/65/UE għandha tiġi emendata skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-aħħar jum tas-sitt xahar wara d-dħul fis-seħħ. Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza fil-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jaddottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Marzu 2014.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS

Fl-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE, jiżdied il-punt 41 li ġej:

"41	Iċ-ċomb fl-issaldjar u fix-xogħlijiet tal-aħħar ta' komponenti elettriċi u elettroniċi u fix-xogħlijiet tal-aħħar tal-unitajiet ta' ċirkwit stampati użati fil-moduli ta' ignixin u f'sistemi oħrajn ta' kontroll, kemm elettriċi kif ukoll elettroniċi, tal-magna, li għal raġunijiet tekniċi għandhom jiġu mmuntati direttament fuq il-kaxxa tal-krank jew fuq iċ-ċilindru ta' magni tal-kombustjoni li jinżammu fl-idejn (il-klassijiet SH:1, SH:2, SH:3 tad-Direttiva 97/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*)	Tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2018

(*) Id-Direttiva 97/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1997 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-miżuri kontra l-emissjoni ta' inkwinanti ta' gass u partikolati minn magni tal-kombustjoni interna li għandhom jiġu installati f'makkinarju mobbli mhux tat-triq, (ĠU L 59, 27.2.1998, p. 1)."